OFFICE OF
THE COMMISSIONER
FOR REVENUE

# L-Att dwar l-Implimentazzjoni ta' Miżuri tal-Estimi, 2023

Dan il-memorandum għandu l-għan li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-emendi reċenti għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa fuq l-Income, implimentati permezz tal-Att Nru XII tal-2023 dwar l-Implimentazzjoni ta' Miżuri tal-Estimi ippubblikat fl-4 ta' April 2023. Dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.

**Emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income**

- Tnaqqis tal-miżati mħallsa – l-Artikoli 14E u 14G tal-ATI
- L-Artikolu 27A tal-ATI
- Royalties derivati minn xogħol letterarju – l-Artikolu 31F tal-ATI

**Emendi għall-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa fuq l-Income**

- L-Artikolu 43 tal-AATI
- L-Artikolu 44 tal-AATI
- L-Artikolu 45 tal-AATI
- L-Artikolu 48 tal-AATI

# Emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income

## Tnaqqis tal-miżati mħallsa – (l-Artikoli 14E u 14G tal-ATI)

It-tnaqqis disponibbli għall-miżati mħallsa u li jista' jintalab mill-ġenituri fir-rigward ta' tfal li jattendu attivitajiet sportivi, kulturali u artistiċi żdied minn €100 għal €300.

## L-Artikolu 27A tal-ATI

Din hija bażikament emenda ta' dispożizzjoni ta' abilitazzjoni. B'din l-emenda, it-trasferimenti li jikkwalifikaw għal trattament speċjali minħabba r-ristrutturar se jinkludu trasferimenti bejn kumpaniji u l-persuni li jkunu relatati magħhom, sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet li huma speċifikati fir-regoli. Huwa ppjanat li jiġu ppubblikati regoli ġodda biex dawn il-miżuri jiġu implimentati. Applikabbli mid-data tal-pubblikazzjoni.

## Royalties derivati minn xogħol letterarju – (l-Artikolu 31F tal-ATI)

Ir-rata tat-taxxa mnaqqsa disponibbli fuq introjtu ta' royalties minn xogħlijiet letterarji għall-awturi u l-koawturi tnaqqset għal 7.5% mill-15% ta' qabel.

# Emendi għall-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa fuq l-Income

## L-Artikolu 43 tal-AATI

Din l-emenda qed tiċċara li d-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa provviżorja li japplikaw fil-każ ta' trasferiment ta' titoli jew trasferiment ta' valur f'titoli għandhom japplikaw ukoll fil-każ ta' trasferiment ta' interess f'soċjetà.

## L-Artikolu 44 tal-AATI

Kif imħabbar fid-diskors tal-baġit għall-2022, ir-rata tal-imgħax fuq it-taxxa dovuta nbidlet. Għalkemm dan l-artikolu diġà jagħti s-setgħa lill-Ministru biex ibiddel ir-rata permezz ta' regoli, il-kliem tal-liġi jikkontempla bidla fir-rata li tapplika għal kwalunkwe taxxa li tkun dovuta meta ssir il-bidla, filwaqt li l-emenda tippermetti bidliet li ma jaffettwawx l-ammonti tat-taxxa li saru dovuti qabel Settembru 2022.

## L-Artikolu 45 tal-AATI

Skont dan l-artikolu, il-ħlas tat-taxxa kkontestata jiġi sospiż jekk ikun hemm oġġezzjoni, iżda l-ammont dovut wara li tiġi ffinalizzata l-oġġezzjoni, ikun dovut bl-imgħax. L-emenda torbot dan l-artikolu mal-emenda li qed issir għall-Artikolu 44 (imsemmi hawn fuq) fis-sens li r-rata tal-imgħax applikabbli tiddependi mid-data meta t-taxxa kienet dovuta.

## L-Artikolu 48 tal-AATI

Dan l-artikolu jimponi imgħax dovut mill-Kummissarju meta r-rifużjonijiet tat-taxxa jinħarġu tard bl-istess rata li l-kontribwenti jħallsu lill-Kummissarju fuq it-taxxa dovuta. Iżda r-rata tal-imgħax il-ġdida mħallsa mill-Kummissarju se tapplika mill-1 ta' Settembru anke fuq ir-rifużjonijiet li kienu dovuti qabel dik id-data.

Emenda oħra għal dan l-artikolu hija maħsuba biex testendi ż-żmien li l-Kummissarju jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu biex joħroġ rifużjoni meta jkun hemm bżonn ta' diliġenza dovuta fil-fond minħabba suspett ta' attivitajiet illeċiti. L-estensjoni hija għal perjodu ta' 12-il xahar.

**Ċaħda ta' responsabbiltà:**
**Nixtiequ ninfurmawk li l-informazzjoni f'dan il-memorandum hija pprovduta sempliċement bħala gwida u mhijiex dokument legali li jipprovdi deċiżjonijiet legalment vinkolanti. Jekk teħtieġ informazzjoni aktar preċiża dwar kif timplimenta kwalunkwe miżura speċifika, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq servizz@gov.mt jew ċempel fuq 153/144.**